

# L-EUSPA tkompli tikber biex tappoġġa l-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju tal-UE

EUSPA/PR/23/06 Praga, 3 ta' Lulju 2023

**B'aktar minn 20,000 satelliti mistennija li jiġu llanċjati fl-għaxar snin li ġejjin, l-ispazju qed isir dejjem aktar konġestjonat, u s-sitwazzjoni hija speċjalment evidenti fl-Orbita Dinjija Baxxa (LEO). L-abbundanza ta' satelliti mhux biss qed tiġġenera "konġestjoni tat-traffiku fl-ispazju mingħajr preċedent" iżda hija wkoll il-kawża ta' ammont kbir ta' residwu spazjali li qed jiżdied b'rata allarmanti.**

Skont il-Kummissjoni Ewropea, aktar minn [1 miljun oġġett ta' residwu akbar minn 1cm](#) attwalment qed jorbitaw id-Dinja, li jvarjaw minn viti u satelliti mhux operattivi għal komponenti ta' rokits spazjali. Biex tindirizza l-kwistjoni tal-konġestjoni fl-ispazju, u peress li r-residwu spazjali jista' jagħmel ħsara u potenzjalment ineħħi satelliti li jiffunzjonaw li huma proprjetà tal-UE bħal Galileo, Copernicus, u EGNOS kif ukoll dawk li huma proprjetà privata, l-Unjoni reċentement ipproponiet approċċ olistiku [għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju](#).

Biex tappoġġa din l-inizjattiva u minħabba l-għarfien espert tagħha fil-forniment ta' servizzi u fl-immaniġġjar ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, l-EUSPA, mil-lum, se tkun qed topera l-Front Desk ta' Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju (SST), b'segwitu għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-3 ta' Ġunju 2022.

## X'se tagħmel l-EUSPA?

It-tim tal-Front Desk SST tal-UE se jkompli jikkollabora mal-utenti tal-SST – li jinkludu s-sidien u l-operaturi tal-inġenji spazjali, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE – biex jipprovdihom appoġġ fl-użu tal-Portal għal dan il-għan u sabiex jibbenefikaw mis-servizzi disponibbli. Il-Front Desk jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-servizz lil ċerti partijiet ikkonċernati u jipromwovi l-użu tas-servizzi tal-SST.

Filmkien mas-Sħubija SST tal-UE magħmula minn 15-il Stat Membru tal-UE, l-EUSPA se tappoġġa l-forniment ta' servizzi ta' sikurezza spazjali lil aktar minn **190** organizzazzjoni rreġistrati u se tikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tat-traffiku fl-ispazju billi tippoteġi aktar minn **400** satelliti mir-riskju ta' kollizzjoni ma' residwu spazjali jew satelliti operazzjonali oħra. Barra minn hekk, se jkunu qed jidentifikaw u jimmonitorjaw ħsarat fl-ispazju u d-dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ta' oġġetti spazjali fl-atmosfera tad-dinja.

It-trasferiment mill-operatur preċedenti, is-SatCen, sar mingħajr xkiel biex jiġi minimizzat kemm jista' jkun l-impatt fuq l-utenti. Wara l-bidla, is-servizzi qed jiġu pprovduti kif mistenni, u d-dettalji l-ġodda ta' kuntatt tal-Helpdesk tal-SST ġew ikkomunikati lill-utenti.

Il-bini l-ġdid tal-Front Desk SST tal-UE jinsab fiċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo (GSMC) tal-EUSPA f'San Martín de la Vega, Madrid, Spanja.

"Billi timmaniġġja l-front desk SST tal-UE, l-EUSPA tikkontribwixxi għall-approċċ tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju tal-UE, bħala appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġija tal-UE biex jiġi żgurat użu sikur u sostenibbli tal-ispazju filwaqt li tiġi ppreservata l-kompetittività tal-industrija spazjali tal-UE", jenfasisza d-Direttur Eżekuttiv tal-EUSPA Rodrigo da Costa.

"Is-Sħubija SST tal-EU hija impenjata li twassal servizzi pubbliċi fl-evitar ta' kollizzjonijiet, dħul mill-ġdid u analiżi tal-frammentazzjoni, permezz tal-Front Desk SST tal-EU, biex ittejjeb is-sikurezza tal-operazzjonijiet spazjali u tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-attivitajiet fl-ispazju ekstratmosferiku. Filmkien mal-EUSPA, se nkomplu nqiegħdu lill-utenti fiċ-ċentru tal-impenn tagħna," iddikjara Pascal Faucher, President, Sħubija SST tal-UE, Difiża u Sigurtà, CNES.

[Ikklikkja hawn għal aktar informazzjoni ġenerali](#)

## Dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) tipprovdi servizzi Ewropej ta' navigazzjoni sikuri u siguri, tippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni tad-data u s-servizzi ta' Galileo, EGNOS u Copernicus, tikkoordina l-programm governattiv ta' komunikazzjonijiet bis-satellita tal-UE GOVSATCOM, u hija responsabbli għas-servizz tal-operazzjonijiet tal-Front Desk ta' Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju (SST) tal-Programm sa mill-2023. L-EUSPA hija responsabbli għallakkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-UE. Billi trawwem l-iżvilupp ta' settur spazjali innovattiv u kompetittiv u tinvolvi ruħha mal-komunità Spazjali kollha tal-UE, l-EUSPA tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għat-tranżizzjoni diġitali, is-sikurezza u s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-awtonomija u r-reżiljenza tagħha.

### Għal aktar informazzjoni:

Marie Ménard, Uffiċjal tal-Komunikazzjoni tal-EUSPA

[Marie.Menard@euspa.europa.eu](mailto:Marie.Menard@euspa.europa.eu)

Tel: +420 237 766 627 - Mobile: +420 602 619 776